

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 23/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII ta' mal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 165/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2011 tal-5 ta' Lulju 2011 li jadotta r-regoli ta' proċedura tal-qafas ta' kooperazzjoni permanenti stabbilit mill-Istati Membri b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ ġiet inkorporata fil-Ftehim permezz tad-Deċiżjoni Nru 118/2001 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tat-28 ta' Settembru 2001 ⁽⁴⁾.
- (4) Id-Direttiva 2001/14/KE tirrevoka r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 2830/77 ⁽⁵⁾ u (KEE) Nru 2183/78 ⁽⁶⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 95/19/KE ⁽⁷⁾ u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 82/529/KEE ⁽⁸⁾ u 83/418/KEE ⁽⁹⁾ li huma inkorporati fil-Ftehim, u li konsegwentament għandhom jiġu rrevokati mill-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XIII ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. Fil-paragrafu II tal-ADATTAMENTI SETTORJALI, il-kliem 'l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 83/418/KEE,' u 'l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2830/77, l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2183/78 u l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 82/529/KEE' jiġu mħassra.
2. It-testi tal-punti 38 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 83/418), 40 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2830/77), 41 (ir-Regola-

ment tal-Kunsill (KEE) Nru 2183/78), 41a (id-Direttiva tal-Kunsill 95/19/KE) u 42 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 82/529/KEE) jiġu mħassra.

3. Il-punt segwenti jiddaħħal wara l-punt 55c (imħassar):

"55ca. **32011 R 0651:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2011 tal-5 ta' Lulju 2011 li jadotta r-regoli ta' proċedura tal-qafas ta' kooperazzjoni permanenti stabbilit mill-Istati Membri b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 177, 6.7.2011, p. 18)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 651/2011 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora d-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾ fil-Ftehim, skont liema data minnhom tkun l-iktar tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

⁽¹⁾ ĠU L 76, 15.3.2012, p. 57.⁽²⁾ ĠU L 177, 6.7.2011, p. 18.⁽³⁾ ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29.⁽⁴⁾ ĠU L 322, 6.12.2001, p. 32.⁽⁵⁾ ĠU L 334, 24.12.1977, p. 13.⁽⁶⁾ ĠU L 258, 21.9.1978, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 143, 27.6.1995, p. 75.⁽⁸⁾ ĠU L 234, 9.8.1982, p. 5.⁽⁹⁾ ĠU L 237, 26.8.1983, p. 32.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114.